*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,403, 7 ta' Marzu, 2025*
*Taqsima B*

---

**A.L. 52 tal-2025**

## ATT DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL (KAP. 646)

### Regolamenti tal-2025 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni). Titolu, għan, applikabbiltà u bidu fis-seħħ.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għas-saħħa u s-sigurtà tax-xogħol f'siti ta' kostruzzjoni u sabiex fost l-oħrajn jimplimentaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 92/57/KEE.

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għat-tħaffir u l-estrazzjoni fl-industrija tal-estrazzjoni inklużi l-attivitajiet ta' prospettar u estrazzjoni fis-sens strett tal-kelma kif ukoll tal-preparazzjoni ta' materjali estratt għall-bejgħ (tgħaffiġ, skrinjar, ħasil), iżda għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' dak il-materjal estratt.

(4) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandhom ikunu applikabbli *mutatis mutandis* għal dawn ir-regolamenti, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet iktar restrittivi u, jew speċifiċi li jinsabu f'dawn ir-regolamenti. L.S. 646.11.

(5) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol; Kap. 646.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa bl-artikolu 4 tal-Att;

"detentur tal-obbligi" tfisser persuna li fuqha jiġi impost

obbligu skont dawn ir-regolamenti, u għandha tinkludi klijent, rappreżentant tal-klijent, supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, prinċipal, kuntrattur, persuna li taħdem għal rasha u ħaddiem, skont il-każ;

"file dwar saħħa u sigurtà" tfisser file li jkollu fih informazzjoni rilevanti dwar saħħa u sigurtà li għandha tittieħed waqt kwalunkwe xogħlijiet sussegwenti;

"klijent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għaliha jitwettaq il-proġett;

"klijent domestiku" tfisser klijent li għalih qed isir proġett li ma jkunx fil-kors jew fit-tkomplija tan-negozju ta' dak il-klijent u huwa persuna li twettaq xogħlijiet minuri fil-fond tagħha;

"kuntrattur" tfisser kuntrattur, sotto-kuntrattur, jew persuna li tħaddem, li l-ħaddiema tagħha jwettqu, jagħmlu jew jimmaniġġaw xogħol ta' kostruzzjoni, li jinkludi iżda mhux limitat għall-forniment ta' materjal u, jew xogħol sabiex ikun jista' jsir dak ix-xogħol. Kuntrattur għandu jinkludi wkoll persuna li timpjega lilha nnifisha sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor;

"persuna li timpjega lilha nnifisha" tfisser kwalunkwe persuna, għajr persuna f'impjieg, taħrig jew apprentistat ta' kuntrattur, li l-attività professjonali tagħha tikkontribwixxi għat-twettiq tal-proġett kollu;

"persuna kompetenti" tfisser persuna li jkollha kwalifiki adegwati u akkreditazzjonijiet minimi skont il-liġi jew strumenti amministrattivi, taħriġ adegwat u għarfien suffiċjenti, esperjenza u ħila għat-twettiq sigur tal-kompitu jew xogħol speċifiku meħtieġ, u li tipprovdi pariri fir-rigward tal-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa li jittieħdu għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u li isimha jidher fir-reġistru tal-persuna kompetenti amministrat jew xort'oħra delegat mill-Awtorità fir-rigward ta' tali kwistjonijiet li huma regolati mill-Awtorità;

"pjan dwar saħħa u sigurtà" tfisser dokument li jistabbilixxi r-regoli u l-informazzjoni applikabbli f'sit ta' kostruzzjoni u l-miżuri speċifiċi li jikkonċernaw ix-xogħol li jaqa' taħt kategorija waħda jew aktar tal-Iskeda II;

"proġett" tfisser kwalunkwe żvilupp li jinkludi jew li huwa maħsub li jinkludi kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni mill-bidu

sat-tlestija tal-kostruzzjoni, inklużi xogħlijiet ta’ finitura;

"rappreżentant tal-klijent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika maħtura minn u responsabbli għad-disinn, eżekuzzjoni u, jew superviżjoni tat-twettiq ta’ proġett, f’isem il-klijent, u biex twettaq id-dmirijiet speċifikati f’dawn ir-regolamenti; li għandu jassumi bis-sħiħ ir-responsabbiltà u jidher għall-klijent;

"scaffold" jew "scaffolding" tfisser kwalunkwe struttura temporanja fuq, jew minn fejn persuni jistgħu jwettqu xogħol b’konnessjoni ma’ attività li għaliha japplikaw dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe struttura temporanja li tippermetti persuni li jiksbu aċċess għal, jew li tippermetti li l-materjali li għandhom jittieħdu għal kwalunkwe post li fih dan ix-xogħol jsir, u tinkludi kwalunkwe pjattaforma tax-xogħol, passarella, fallaka, sellum jew skalapiża (minbarra sellum indipendenti jew skalapiża li ma jiffurmawx parti minn tali struttura) flimkien ma’ kwalunkwe rpar, toe-board jew protezzjonijiet oħra u aċċessorji, iżda ma għandhiex tinkludi tagħmir ta’ rfigħ jew strutturi użati biss għall-appoġġ ta’ apparat, makkinarju jew impjant;

"sit ta’ kostruzzjoni" tfisser kwalunkwe sit ta’ kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħlijiet ta’ bini jew ta’ inġinerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom hija elenkata fl-Iskeda I;

"supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika appuntanta mill-klijent jew mir-rappreżentant tal-klijent skont il-każ, biex twettaq l-obbligi u teżerċita l-poteri speċifikati f’dawn ir-regolamenti matul il-proġett kollu u li ismu jidher fir-reġistru għall-persuni kompetenti amministrat jew xort’oħra delegat mill-Awtorità.

## Dmirijiet tal-klijent

Ħatra ta’ supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà.

**3.** (1) Il-klijent għandu d-dmir li jaħtar, fir-rigward ta’ proġett kif applikabbli taħt dawn ir-regolamenti, supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, u kwalunkwe ħatra bħal din tista’ tiġi mitmuma, mibdula jew imġedda dment li jinħatar supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà ieħor sabiex iwettaq dawn id-dmirijiet matul iż-żmien kollu tal-proġett.

(2) Il-klijent jista’ jaġixxi bħala supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà jekk huwa nnifsu jkun kompetenti biex jaqdi d-dmirijiet kif deskritti taħt dawn ir-regolamenti u sakemm ismu jidher fir-reġistru għall-persuni kompetenti amministrat jew

xort'oħra delegat mill-Awtorità.

(3) Mal-ħatra jew qabel il-ħatra tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, għandu jiġi konkluż ftehim ta' inkarigu bil-miktub li jirregola l-ħatra tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà bejn il-klijent jew, fejn applikabbli, ir-rappreżentant tal-klijent u s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà.

(4) Xogħol relatat ma' proġett ma għandux jibda jew jimxi 'l quddiem sakemm is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà ma jkunx validament maħtur mill-klijent skont dawn ir-regolamenti u dik il-ħatra għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità mill-klijent fuq dik il-formola kif jista' jiġi preskritt mill-Awtorità.

(5) F'każ ta' mewt tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà l-klijent għandu jinnotifika lill-Awtorità bil-miktub fi żmien ħmistax-il (15) jum mill-mewt tiegħu fuq dik il-formola hekk preskritta mill-Awtorità, matul liema żmien, ix-xogħol relatat ma' proġett ma għandux javvanza sakemm supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà ġdid ma jinħatarx b'mod validu mill-klijent skont dawn ir-regolamenti.

(6) Fejn il-ħatra, għal kwalunkwe raġuni, tintemm, is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu javża lill-Awtorità bil-miktub fi żmien ħmistax (15)-il jum minn tali terminazzjoni, f'dik il-forma hekk preskritta mill-Awtorità, dwar tali terminazzjoni. It-terminazzjoni għandha tkun effettiva biss mal-avviż lill-Awtorità u sabiex jiġi evitat id-dubju s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jibqa' responsabbli għad-dmirijiet u l-obbligi tiegħu skont dawn ir-regolamenti sakemm issir tali avviż.

(7) Meta tirċievi l-avviż ta' terminazzjoni bil-miktub u ffirmat, l-Awtorità għandha tirrikonoxxi bil-miktub li rċeviet dan l-avviż u tinnotifika lill-klijent bil-miktub bid-data effettiva tat-terminazzjoni skont is-subregolament (6). Xogħol relatat ma' proġett ma għandux javvanza sakemm supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà ġdid ma jinħatarx b'mod validu mill-klijent skont dawn ir-regolamenti.

(8) Jekk il-klijent jibda jew javvanza xogħol relatat mal-proġett qabel ma jinħatar supervisor kompetenti tal-proġett għal kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà, il-klijent għandu jkun ħati ta' reat kontra l-Att.

(9) Il-klijent għandu jqis kwalunkwe direzzjoni mogħtija mis-

supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, waqt li jżomm ambjent sikur fuq il-proġett b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe materja ta' saħħa u sigurtà taħt dawn ir-regolamenti, jew kwalunkwe regolament ieħor taħt l-Att. Il-klijent għandu jiżgura li kwalunkwe direzzjoni mogħtija mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà sabiex jiggarantixxi post tax-xogħol sikur u, jew san, tiġi implimentata immedjatament u l-klijent għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżgura li d-detenturi tad-dmirijiet jirrispettaw l-obbligi tagħhom fi ħdan il-limiti tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

(10) Il-klijent għandu jżomm lis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà aġġornat dwar l-ingaġġ ta' kuntratturi ġodda u persuni li jaħdmu għal rashom.

File ta' saħħa u sigurtà.

**4.** (1) Il-klijent għandu jiżgura li jinġabar file dwar saħħa u sigurtà miżmum u magħmul disponibbli, liema file dwar saħħa u sigurtà kien imħejji skont ir-regolament 13 u kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti dwar is-saħħa u s-sigurtà, għal spezzjoni minn kwalunkwe persuna li jista' jkollha bżonn informazzjoni mill-file għall-finijiet ta' konformità ma' kwalunkwe obbligu statutorju.

(2) Meta l-klijent jiddisponi mill-interess tiegħu fil-proġett, il-klijent għandu jagħti l-file tas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-proġett lil dik il-persuna li takkwista l-interess fil-proġett, u kwalunkwe obbligazzjoni li jifdal għat-tul tal-proġett li joħorġu minn dawn ir-regolamenti għandhom jiġu assunti minn tali persuna.

Pjan ta' saħħa u sigurtà.

**5.** Il-klijent għandu jiżgura li qabel jibda jarma sit ta' kostruzzjoni, jiġi mfassal pjan tas-saħħa u s-sigurtà skont ir-regolament 12.

Avviż bil-quddiem.

**6**. Fil-każ ta' siti ta' kostruzzjoni li fuqhom huwa ppjanat xogħol li jdum aktar minn tletin (30) jum tax-xogħol u fuq liema, aktar minn għoxrin (20) ħaddiema qegħdin jaħdmu simultanjament, jew li l-volum tax-xogħol huwa skedat li jeċċedi l-ħames mitt (500) ġurnata xogħol ta' persuna, il-klijent għandu jikkomunika avviż minn qabel mfassla skont l-Skeda III lill-Awtorità, flimkien ma' kwalunkwe dokument jew informazzjoni oħra meħtieġa mill-Awtorità minn żmien għal żmien, mill-inqas erba' (4) ġimgħat kalendarji qabel ma jibda x-xogħol fuq il-proġett. Ladarba tibda kwalunkwe attività ta' xogħol fuq il-proġett, kopja tal-avviż bil-quddiem f'tali forma kif preskritt mill-Awtorità għandha tkun murija b'mod ċar fuq is-sit ta' kostruzzjoni mill-klijent u, jekk meħtieġ, tkun aġġornata perjodikament mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà.

L-istadju tal-preparazzjoni tal-proġett - prinċipji ġenerali.

**7.** Il-klijent għandu jieħu kont tal-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà imsemmija fl-Att u fi kwalunkwe liġi oħra, kif jista' jkun xieraq, matul l-istadji varji tal-iddisinjar u tħejjija tal-proġett, b'mod partikolari:

(a) meta jkunu qed jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-aspetti arkitettoniċi, tekniċi u, jew ta' organizzazzjoni, sabiex jiġu ppjanati l-elementi jew il-fażijiet varji tax-xogħol li għandhom iseħħu simultanjament jew suċċessivament;

(b) meta jkun qed jiġi kkalkulat il-perjodu meħtieġ sabiex jitlesta tali xogħol jew fażijiet tax-xogħol, għandu wkoll jittieħed rendikont, kull darba li dan jidher meħtieġ skont il-pjanijiet u l-files kollha dwar is-saħħa u s-sigurtà u mħejjija skont ir-regolamenti 12(1) u 13(1) jew aġġustati skont ir-regolamenti 12(2) u 13(2).

Klijent domestiku.

**8.** Fejn il-klijent huwa klijent domestiku, ir-regolament 3 ma għandux japplika jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-proġett ma jeħtieġx avviż minn qabel skont ir-regolament 6; u

(b) se jkun preżenti kuntrattur wieħed (1) biss għall-proġett kollu; u

(ċ) ix-xogħol ma jinvolvix riskji partikolari kif elenkati fi Skeda II.

## Rappreżentant tal-klijent

Rappreżentant tal-klijent.

**9.** (1) Il-klijent jista' jaħtar fir-rigward ta' kull proġett, rappreżentant tal-klijent li jaġixxi għall-klijent, u li għandu jkun responsabbli, għad-disinn, l-eżekuzzjoni, u, jew is-sorveljanza tal-eżekuzzjoni ta' proġett u li għandu f'isem il-klijent, jkun responsabbli li jwettaq id-dmirijiet imposti minn dawn ir-regolamenti fuq il-klijent, *mutatis mutandis* u kwalunkwe tali ħatra tista' tintemm, tinbidel, jew tiġġedded kif meħtieġ.

(2) Meta rappreżentant tal-klijent ikun ġie maħtur skont dawn ir-regolamenti, l-obbligi imposti b'dawn ir-regolamenti fuq il-klijent għandhom japplikaw u għandhom jitwettqu *mutatis mutandis* minn tali rappreżentant tal-klijent minflok il-klijent skont dawn ir-regolamenti.

(3) Ir-rappreżentant tal-klijent għandu jinħatar biss jekk l-informazzjoni li ġejja tiġi ppreżentata lill-Awtorità:

(a) id-data tal-ħatra tar-rappreżentant tal-klijent;

(b) l-indirizz tas-sit ta' kostruzzjoni;

(c) id-deskrizzjoni qasira tal-proġett u x-xogħol ta' kostruzzjoni li jinvolvi;

(d) id-dettalji ta' kuntatt tal-klijent inkluż l-isem, numru tal-karta tal-identità, l-indirizz, in-numru tat-telefon u, jew tat-telefon ċellulari u indirizz elettroniku;

(e) id-dettalji ta' kuntatt li ġejjin tar-rappreżentant tal-klijent inkluż l-isem, numru tal-karta tal-identità, l-indirizz, in-numru tat-telefon u, jew tat-telefon ċellulari u indirizz elettroniku;

(f) id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni f'dik il-formola hekk preskritta mill-Awtorità, iffirmata kif xieraq mir-rappreżentant tal-klijent li huwa mpenja ruħu li jaċċetta r-rwol ta' rappreżentant tal-klijent u li jwettaq id-dmirijiet imposti minn dawn ir-regolamenti fuq il-klijent; u

(g) id-dikjarazzjoni f'dik il-formola hekk preskritta mill-Awtorità, ffirmata kif xieraq mill-klijent u r-rappreżentant tal-klijent li biha jkunu qed jagħtu l-kunsens espliċitu għall-ipproċessar, l-immaniġġjar u t-trażmissjoni ta' dejta personali miżmuma mill-Awtorità.

(4) Fejn, matul il-perjodu tax-xogħlijiet, ir-rappreżentant tal-klijent jirriżenja jew jinbidel għal xi raġuni, huwa jkun obbligat li jagħti avviż dwar dan bil-miktub lill-Awtorità. Sakemm tali avviż ikun riċevut u approvat bil-miktub mill-Awtorità, huwa xorta għandu jibqa' preżunt li jkun ir-rappreżentant tal-klijent maħtur għas-sit.

(5) Fin-nuqqas ta' ħatra ta' rappreżentant ta' klijent skont dawn ir-regolamenti, il-klijent għandu jibqa' responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet li jappartjenu lill-klijent taħt dawn ir-regolamenti.

**Responsabbiltajiet tal-klijent jew tar-rappreżentant tal-klijent**

Responsabbilta-jiet tal-klijent jew tar-rappreżentant tal-klijent,

**10.** (1) Fejn il-klijent jew ir-rappreżentant tal-klijent jaħtar supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà sabiex jaqdi d-dmirijiet u jeżerċita s-setgħat mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, dan ma għandux jeħles lill-klijent jew lir-rappreżentant tal-klijent mir-responsabbilitajiet tagħhom f'dak ir-rigward.

(2) L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ma għandux jaffettwa l-prinċipju tar-responsabbilità tal-prinċipal kif provdut fl-Att jew fi kwalunkwe liġi oħra.

(3) Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa u sigurtà fuq is-sit ta' kostruzzjoni, il-klijent għandu jieħu inkonsiderazzjoni kwalunkwe rapport bil-miktub mogħti mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, u għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżgura li d-detenturi tal-obbligi jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-limiti tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

**Dmirijiet tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà: l-istadju tal-preparazzjoni tal-proġett**

Dmirijiet tas-Supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà: l-istadju tal-preparazzjoni tal-proġett.

**11.** Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 7.

Pjan ta' saħħa u sigurtà.

**12.** (1) Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jfassal pjan tas-saħħa u sigurtà li jindika r-regoli applikabbli għall-post ta' kostruzzjoni kkonċernat, li jieħu kont, fejn meħtieġ, tal-attivitajiet industrijali li jkunu qed isiru fuq il-post. Dan il-pjan għandu wkoll ikun fih il-miżuri speċifiċi li jikkonċernaw ix-xogħlijiet li huma kompriżi f'waħda jew iktar mill-kategoriji ta' Skeda II.

(2) Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jagħmel kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-pjan tas-saħħa u s-sigurtà biex jieħu kont tal-progress tax-xogħol u kwalunkwe tibdil li jkun sar.

File ta' saħħa u sigurtà.

**13.** (1) Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jipprepara file adegwat għall-karatteristiċi tal-proġett li jkun fih informazzjoni rilevanti tas-saħħa u sigurtà li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni waqt xogħlijiet sussegwenti.

(2) Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jagħmel kull aġġustament meħtieġ għall-file tas-saħħa u s-sigurtà sabiex jieħu kont tal-progress tax-xogħol u kull tibdil li jkun sar.

**Dmirijiet tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà: stadju tal-eżekuzzjoni tal-proġett**

Prinċipji ġenerali tal-pjan ta' prevenzjoni, saħħa u sigurtà, u file tas-saħħa u s-sigurtà.

**14.** (1) Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:

(a) meta aspetti tekniċi u, jew aspetti organizzattivi ikunu qed jiġu deċiżi, sabiex ikunu ppjanati l-elementi varji jew fażijiet tax-xogħol li jkunu ser isiru simultanjament jew f'suċċessjoni;

(b) meta jiġi kkalkulat il-perjodu meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' tali xogħlijiet jew fażijiet tax-xogħol.

(2) Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jikkoordina l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet relevanti sabiex jassiguraw li kuntratturi, min jimpjiega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni li jimpjegaw lilhom infushom:

(a) japplikaw il-prinċipji msemmija fir-regolament 18 b'mod konsistenti;

(b) fejn meħtieġ, isegwu l-pjan ta' sigurtà u saħħa msemmi fir-regolament 12;

(ċ) jagħmlu u, jew jikkawżaw li jsiru, aġġustamenti meħtieġa għall-pjan tas-sigurtà u saħħa msemmi fir-regolament 12 u fil-file msemmi fir-regolament 13 sabiex jittieħed kont tal-progress tax-xogħol u kwalunkwe tibdil li jkun seħħ.

Ġestjoni tas-saħħa u, jew sigurtà fis-sit ta' kostruzzjoni.

**15.** Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa u, jew is-sigurtà fuq is-sit ta' kostruzzjoni, is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu:

(a) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra magħmula taħt l-Att sabiex jiġi żgurat li min jimpjega joffri l-ogħla protezzjoni billi japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament 18 jew kwalunkwe regolamenti oħra magħmula taħt l-Att, b'mod konsistenti;

(b) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawn ir-regolamenti sabiex jiġi żgurat li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għal rashom, isegwu l-pjan tas-saħħa u s-sigurtà msemmi fir-regolament 12;

(ċ) jorganizza l-koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bil-għan li jipproteġi lill-ħaddiema u jipprevjeni inċidenti u perikli għas-saħħa fuq ix-xogħol u l-informazzjoni reċiproka kif previst fir-regolament 7 tar Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li jiżguraw li persuni impjegati L.S. 646.11.

għal rashom huma inklużi f'dan il-proċess fejn meħtieġ;

(d) jieħu l-passi meħtieġa sabiex jiżgura li jkunu biss il-persuni awtorizzati li jitħallew jidħlu fis-sit ta' kostruzzjoni;

(e) iwettaq kemm-il darba jkun meħtieġ spezzjoni bir-reqqa tas-sit kollu ta' kostruzzjoni u l-prattiċi tax-xogħol sabiex jidentifika l-miżuri li qed jittieħdu mill-kuntratturi, minn prinċipal jew minn kwalunkwe persuna li timpjega lilha nnifisha fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe periklu potenzjali, u jirrakkomanda l-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa f'konformità mal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni stabbiliti fl-Att, jew kwalunkwe regolamenti oħra taħt l-Att:

Iżda l-frekwenza tal-ispezzjonijiet għandha tkun proporzjonata mad-daqs tas-sit ta' kostruzzjoni, in-natura u l-firxa tal-perikli u r-riskji fis-sit ta' kostruzzjoni, u t-tip ta' xogħlijiet li jkunu qed jitwettqu;

(f) joħroġ u jissottometti mingħajr dewmien żejjed lid-detentur tal-obbligi relevanti involuti fil-proġett ta' kostruzzjoni, rapport ta' spezzjoni bil-miktub li jenfasizza l-miżuri li qed jieħdu l-kuntratturi, il-prinċipal jew kwalunkwe persuna li timpjega lilha nnifisha fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe periklu u riskji potenzjali u perikli u riskji mhux indirizzati nnotati matul l-ispezzjoni mwettqa skont dawn ir-regolamenti u l-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa li għandhom jittieħdu mid-detenturi tal-obbligi rilevanti sabiex jindirizzaw il-perikli u r-riskji identifikati u, jew jimmaniġġjaw s-saħħa u s-sigurtà:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "detenturi tal-obbligi" ma għandhomx jinkludu "ħaddiema";

(g) jagħti direzzjonijiet lid-detenturi tal-obbligi u lil persuni rilevanti oħra, fl-interess tas-saħħa u, jew is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(h) jikkoordina, jissorvelja l-implimentazzjoni ta', u jiżgura l-eżekuzzjoni tal-miżuri preventivi u korrettivi meħtieġa indikati fir-rapport ta' spezzjoni mħejji taħt dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe miżura oħra meħtieġa biex is-sit ikun sikur;

(i) jikkoordina, jissorvelja l-implimentazzjoni ta', u jiżgura l-eżekuzzjoni tal-miżuri preventivi u korrettivi indikati fil-pjan tas-saħħa u s-sigurtà mħejji skont dawn ir-regolamenti;

(j) iwettaq kemm-il darba jkun meħtieġ, spezzjonijiet ta'

segwitu sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi u korretivi indikati fir-rapport ta' spezzjoni u kull direzzjoni magħmula u mogħtija taħt dawn ir-regolamenti;

(k) jagħti kopja bil-miktub tal-pjan tas-saħħa u s-sigurtà mħejji skont dawn ir-regolamenti, jew estratt rilevanti tagħhom lid-detenturi kollha tal-obbligi skont dawn ir-regolamenti:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "detenturi tal-obbligi" ma għandhomx jinkludu "ħaddiema";

(l) jikkonsulta u jikkoordina dwar materji li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol fir-rigward tal-proġett ta' kostruzzjoni, ma' kwalunkwe persuni nominati u, jew servizzi esterni maħtura minn min iħaddem skont ir-regolament 9 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. L.S. 646.11.

**Setgħat u dmirijiet oħra tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà**

Setgħat u dmirijiet oħra tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà.

**16.** Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa u, jew s-sigurtà fuq is-sit ta' kostruzzjoni, s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jkollu s-setgħat li ġejjin:

(a) li jispezzjona f'kull ħin tal-ġurnata jew billejl is-sit ta' kostruzzjoni li fir-rigward tiegħu ikun inħatar sabiex jaġixxi bħala supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà biex jaqdi d-dmirijiet magħmula taħt dawn ir-regolamenti;

(b) li jagħmel tali eżami, intervista u investigazzjoni li fi kwalunkwe ċirkostanza jista' jkun meħtieġ fl-interess tas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(ċ) li jieħu dak il-kejl, ritratti, rekordjar bil-vidjo u, jew kwalunkwe rekordjar ieħor, inkluż l-użu ta' tagħmir ta' monitoraġġ u teħid ta' kampjuni atmosferiċi, kif is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà jqis meħtieġ għall-iskop li jaqdi d-dmirijiet taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda l-immaniġġjar u l-ħażna ta' dejta personali li tirriżulta mill-attivitajiet imsemmija għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*; Kap. 586.

(d) li jordna li x-xogħol jew kwalunkwe attività titwaqqaf jew jagħti tali ordnijiet relatati mat-twettiq tad-dmirijiet minn

kwalunkwe impjegat jew persuni li jimpjegaw lilhom infushom fis-sit jekk ikun hemm tħassib raġonevoli li t-twettiq tax-xogħol u, jew l-attività x'aktarx jesponu lil kwalunkwe persuna preżenti fis-sit ta' kostruzzjoni għal riskju serju għas-saħħa u, jew għas-sigurtà tagħha, li tirriżulta minn esponiment immedjat jew imminenti għal periklu:

Iżda s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinnotifika bil-miktub lid-detentur tal-obbligi involuti fil-proġett ta' kostruzzjoni. Is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jinforma lill-Awtorità dwar kwalunkwe ordni maħruġa skont dan il-paragrafu f'tali istanzi fejn tali ordnijiet ma jiġux osservati jew imħarsa:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "detentur tal-obbligi" ma għandhomx jinkludu "ħaddiema";

(e) li jeħtieġ kwalunkwe oġġett, sustanza, materjal, tagħmir, makkinarju, installazzjoni, struttura, apparat, għodda u kwalunkwe ħaġa oħra fis-sit ta' kostruzzjoni li huwa jista' raġonevolment jikkonsidra li jkun ta' riskju għas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol li għandha tiġi żarmata u, jew imneħħija mis-sit u, jew rettifikata u, jew soġġetta għal kwalunkwe proċess jew test għas-spejjeż tad-detentur tad-obbligu rilevanti;

Il-funzjoni ta' rappurtar tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà.

(f) (i) li jirċievi u jirreġistra kwalunkwe rapport magħmul minn kwalunkwe persuna fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li tista' twassal għal suspett ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti jew tal-Att, jew f'xi regolamenti taħt dan l-Att:

Iżda jekk ħaddiem jew xi persuna, kemm jekk jaġixxu f'isimhom jew f'isem ħaddiem, jirrapportaw kwistjoni skont dan r-regolament lis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, b'hekk is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jħejji r-rapport bil-miktub tiegħu fir-rigward ta' dik il-kwistjoni fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data li fiha dik il-kwistjoni tkun ġiet irrappurtata lilu bil-miktub, u wara li jkun sema' lill-klijent, inkluż kwalunkwe rappreżentant tal-klijent imqabbad mill-klijent, kwalunkwe ħaddiem jew persuna li tagħmel rapport skont dan is-subparagrafu. Ladarba jitlesta, dan ir-rapport għandu jiġi pprovdut lill-klijent u lill-ħaddiem jew kwalunkwe persuna, kemm jekk taġixxi f'ismu jew f'isem ħaddiem, kif xieraq. Fejn jitqies meħtieġ mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, ir-rapport għandu jindika

dawk il-miżuri li għandhom ikunu implimentati mill-klijent sabiex tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni partikolari, filwaqt li jqis l-obbligi tal-klijent taħt l-Att. In-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dak ir-rapport għandu jitqies bħala reat taħt l-Att;

(ii) li jirreġistra kwalunkwe kwistjoni rrappurtata skont dan ir-regolament, u l-kwistjoni għandha titqies li ġiet determinata b'mod konklużiv sakemm kwalunkwe miżura speċifikata mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà skont dawn r-regolamenti tiġi implimentata kif xieraq f'perjodu ta' żmien stipulat:

Iżda jekk il-miżuri speċifikati mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà ma jiġux implimentati jew osservati skont dawn ir-regolamenti, is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jinforma l-Awtorità kif xieraq, u l-klijent għandu jkun ħati ta' reat taħt l-Att f'tali istanzi:

Iżda wkoll fil-każ li s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà jkun naqas milli jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet korretti lill-klijent skont l-Att u r-regolamenti magħmula taħtu l-Att, f'tali istanzi s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jkun ħati ta' reat taħt l-Att:

Iżda wkoll ħlief fejn meħtieġ mil-liġi jew meqjus neċessarju, is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għandu jiżgura l-anonimità ta' kwalunkwe persuna li tirrapporta kwalunkwe kwistjoni li tista' tqajjem suspett ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti,jew tal-Att, jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu. L-identità tal-imsemmija persuna tista' tiġi żvelata biss bil-kunsens espliċitu bil-miktub tagħha.

## Supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà: nuqqas ta' responsabilità

**17.** Azzjoni ċivili jew proċedimenti oħra għad-danni ma għandhomx ikunu istitwiti minn klijent, kuntrattur, prinċipal jew persuna li timpjega lilha nnifisha, jew ħaddiem involut fil-proġett ta' kostruzzjoni kontra s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà għal:

Supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà: nuqqas ta' responsabilità.

(a) att magħmul skont dawn ir-regolamenti kemm-il darba s-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u

sigurtà ma jkunx aġixxa b'mod negliġenti jew inkella ma osservax id-dmirijiet tiegħu kif provdut taħt l-Att u dawn ir-regolamenti;

(b) att magħmul jew fin-nuqqas tiegħu, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu fejn ikun ippruvat suffiċjentement li l-klijent jew il-kuntrattur, prinċipal jew persuna li timpjega lilha nnifisha naqsu milli jikkonformaw mal-miżuri meħtieġa kif ordnat mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà.

**Implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 646.11)**

Implimentazzjoni tar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. L.S. 646.11.

**18.** Meta jkun qed jitwettaq ix-xogħol, il-prinċipji stabbiliti fir-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għandhom ikunu applikati, partikolarment fejn jirrigwarda:

(a) li s-sit ta' kostruzzjoni jinżamm tajjeb u fi stat ta' indafa sodisfaċenti;

(b) l-għażla tal-post fejn ikun hemm l-istazzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari kif jista' jintlaħaq aċċess għal dawn il-postijiet tax-xogħol, u li jiġu stabbiliti rotot jew żoni għal passaġġ sikur u ċ-ċaqlieq ta' tagħmir;

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom il-varji materjali huma mmaniġġjati;

(d) il-manutenzjoni teknika, il-verifika qabel ma jibda x-xogħol u l-verifika regolari fuq installazzjonijiet u tagħmir bil-ħsieb li tkun imsewwija kwalunkwe ħsara li tista' taffettwa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(e) id-demarkazzjoni u l-identifikazzjoni ta' żoni għall-ħażna ta' materjal divers, partikolarment fejn jidħol materjal jew sustanzi perikolużi;

(f) il-kondizzjonijiet li taħthom jitneħħa l-materjal perikoluż użat;

(g) il-ħażna u t-trasferiment jew it-tneħħija ta' skart u radam;

(h) l-adattament, ibbażat fuq il-progress magħmul fuq is-sit, tal-perjodu attwali li għandu jiġi allokat għad-diversi tipi ta' xogħol jew stadji ta' xogħol;

(i) il-koperazzjoni bejn kuntratturi u persuni li jimpjegaw lilhom infushom;

(j) interazzjoni ma' attivitajiet industrijali fil-post fejn, jew li fil-viċinanza tiegħu jkun jinsab is-sit ta' kostruzzjoni.

**Dmirijiet tal-kuntratturi**

**19**. Sabiex tiġi ppreservata s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit ta' kostruzzjoni, il-kuntratturi għandhom: Dmirijiet tal-kuntratturi.

(a) jikkooperaw mas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà fl-interess tas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(b) jikkooperaw mas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà, sabiex ikun jista' jħares lejn id-dmirijiet li jappartjenu lil dak is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà taħt dawn ir-regolamenti;

(ċ) jipprovdu minnufih lis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li tista' tintalab fl-interess tas-saħħa u, jew tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(d) jikkonformaw mingħajr dewmien bla bżonn mad-direzzjonijiet mogħtija mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà taħt dawn ir-regolamenti, liema direzzjonijiet jekk jitwettqu, jiżguraw saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(e) jikkonformaw mingħajr dewmien bla bżonn mad-direzzjonijiet mogħtija mill-persuna nominata u, jew servizzi esterni maħtura skont ir-regolament 9 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol; L.S. 646.11.

(f) jikkonformaw mal-miżuri preventivi u protettivi rilevanti elenkati fil-pjan tas-saħħa u s-sigurtà liema miżuri jekk jiġu implimentati, jiżguraw post tax-xogħol sikur u, jew san, u li huma applikabli għall-kuntrattur jew għall-ħaddiema tal-kuntrattur;

(g) jiġbdu l-attenzjoni tal-ħaddiema tal-kuntrattur fuq kwalunkwe regola applikabbli għalihom li tinsab fil-pjan tas-saħħa u s-sigurtà;

(h) ma jibdewx u, jew ma jipprogressawx xi xogħol

relatat mal-proġett qabel mas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà jkun inħatar mill-klijent skont ir-regolament 3;

(i) (i) minkejja kwalunkwe ħaġa msemmija fl-Att jew f'xi regolamenti taħt dan l-Att, iwettqu jew jiżguraw li titwettaq evalwazzjoni tar-riskju bil-miktub, adattata, suffiċjenti u sistematika tal-perikoli kollha għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jistgħu jkunu preżenti fis-sit ta' kostruzzjoni u r-riskji li jirriżultaw involuti fir-rigward tal-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol fis-sit ta' kostruzzjoni, għal kull proġett li jkun qed jitwettaq, u li l-ħaddiema kollha huma informati bil-kontenut tiegħu sabiex ikunu konxji ta' xi perikoli fuq kostruzzjoni. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkonsidraw r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u persuni li jimpjegaw lilhom infushom li għalihom ikunu esposti waqt li jkunu fuq il-post tax-xogħol f'sit ta' kostruzzjoni, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħra, inklużi l-viżitaturi fis-sit ta' kostruzzjoni li jkun hemm riskji li jirriżultaw minn, jew b'rabta max-xogħol li jkun qed jitwettaq, jew bl-imġiba tal-impriża:

Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, kuntrattur għandu jikkonsidra wkoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol li jkunu qed jitwettqu u fuq il-post tax-xogħol, u għandu jieħu azzjoni xierqa;

(ii) il-kuntratturi għandhom iżommu fil-pussess tagħhom kopji elettroniċi bil-miktub jew li jistgħu jiġu rkuprati, ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u għandhom jiżguraw li dawn jiġu aġġornati regolarment;

(iii) il-kuntratturi għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri protettivi xierqa għan-natura tax-xogħol li jkun qed jitwettaq li huma meħtieġa li jittieħdu wara dawn l-evalwazzjonijiet u, jekk ikun meħtieġ, it-tagħmir protettiv li għandu jintuża;

(iv) l-evalwazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament għandhom jiġu riveduti kull meta jkun hemm xi bidla maġġuri fil-kondizzjonijiet tax-xogħol, jew kull meta l-kuntratturi jkollhom raġuni sabiex jissuspettaw li ma għadhomx validi;

(j) jikkonformaw mingħajr dewmien bla bżonn, mal-miżuri preventivi u protettivi indikati mill-evalwazzjoni tar-riskju mwettqa taħt dawn ir-regolamenti u, jew taħt kwalunkwe regolament ieħor rilevanti magħmul taħt l-Att;

(k) jiżguraw li t-taħriġ, l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet provduti skont ir-regolament 14 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u, jew kwalunkwe regolamenti oħra rilevanti magħmula taħt l-Att, jingħataw lill-ħaddiema b'mod li jinftiehem; L.S. 646.11.

(l) b'mod partikolari meta jimplimentaw r-regolament 18, jieħdu miżuri li huma konformi mal-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Iskeda IV;

(m) jikkonformaw b'mod partikolari ma' dan li ġej, *mutatis mutandis*:

(i) ir-rekwiżiti tar-regolamenti 7 u 15(2) tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolament 8 u l-Iskeda IV; L.S. 646.11.

(ii) ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol; L.S. 646.13.

(iii) ir-Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà). L.S. 646.24.

**Dmirijiet tal-ħaddiema**

**20.** Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti imsemmijin hawn fuq, sabiex tiġi ppreservata s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit ta' kostruzzjoni, il-ħaddiem għandu: Dmirijiet tal-ħaddiema.

(a) jikkoopera mas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà fl-interess tas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(b) jikkoopera mas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà sabiex ikun jista' jħares id-dmirijiet li jappartjenu lil tali supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà taħt dawn ir-regolamenti;

(ċ) jipprovdi minnufih lis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li tista' tkun meħtieġa biex ikun jista' jħares id-dmirijiet ta' dak is-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà;

(d) jikkonforma mingħajr dewmien bla bżonn mad-direzzjonijiet mogħtija mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà taħt dawn ir-regolamenti,

liema direzzjonijiet jekk jitwettqu, jiżguraw saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(e) jikkonforma mingħajr dewmien bla bżonn, mal-miżuri preventivi u protettivi indikati mill-valutazzjoni tar-riskju mwettqa taħt ir-regolament 19(i) u, jew kwalunkwe regolamenti oħra relevanti magħmul taħt l-Att;

(f) jikkonforma mal-miżuri preventivi u protettivi relevanti elenkati fil-pjan tas-saħħa u s-sigurtà mħejji taħt dawn ir-regolamenti, liema miżuri jekk jiġu implimentati, jiżguraw saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

**Informazzjoni għall-ħaddiema**

Informazzjoni għall-ħaddiema. L.S. 646.11.

**21.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu informati bil-miżuri kollha li għandhom jittieħdu rigward is-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

(2) L-informazzjoni għandha tkun tinftiehem mill-ħaddiema kkonċernati.

**Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema**

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema. L.S. 646.11.

**22.** Il-konsultazzjoni ma', u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom għandha ssir skont ir-regolament 13 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-regolamenti 14 u 18 billi jiżguraw kull meta jkun meħtieġ koordinazzjoni kif imiss bejn il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom f'impriżi li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet tagħhom fil-post tax-xogħol, billi jqisu l-grad tar-riskju u d-daqs tas-sit tax-xogħol.

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

Prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni.

**23.** (1) Kull persuna fuq min jitqiegħed dmir b'dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-iddisinjar, ippjanar u preparazzjoni tal-proġett għandha tqis il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni msemmija fl-Att fil-qadi ta' dawk id-dmirijiet.

(2) Kull persuna fuq min jitqiegħed dmir b'dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett għandha tqis il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni msemmija fl-Att fil-qadi ta' dawk id-dmirijiet.

(3) Il-klijent għandu jieħu passi raġonevoli biex jiżgura li l-arranġamenti msemmija fis-subregolament (1) huma miżmuma u riveduti matul il-proġett.

**24.** Fi kwalunkwe proċeduri għall-impożizzjoni ta' penali amministrattiva jew għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jikkonsisti f'nuqqas ta' osservanza ta' dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa skont l-Att u, jew kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtu, għandha tkun il-persuna akkużata li tipprova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbli jew raġonevolment prattikabbli li jsir aktar milli fil-fatt ikun sar sabiex jissodisfa d-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezzi prattikabbli aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex jiġi sodisfatt id-dmir jew ir-rekwiżit. L-oneru tal-prova.

**25.** Kwalunkwe persuna li xjentement jew bi traskuraġni tindaħal fil-proċess li tipprovdi post tax-xogħol sikur u san għandha tkun ħatja ta' reat taħt l-Att. Reati.

**26.** Ir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni) huma b'dawn revokati mingħajr preġudizzju għal dak li sar jew li naqas milli jsir taħthom. Tħassir u riżervi. L.S. 646.25.

**27.** Kwalunkwe azzjoni, deċiżjoni jew proċedura, meħuda jew mibdija qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-2025 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), għandhom jibqgħu jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti speċifikati fir-regolament 26, kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-2025 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (Bżonnijiet minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni). Dispożizzjoni tranżitorja. A.L. 52 tal-2025.

---

## SKEDA I
(regolament 2)

## LISTA MHIX EŻAWRJENTI TA' XOGĦLIJIET TA' BINI U INĠINERIJA ĊIVILI

1. Skavar

2. Xogħlijiet l-art

3. Bini

4. Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati

5. Konverżjoni jew iffittjar

6. Tibdiliet

7. Rinnovazzjoni jew restawr

8. Tiswijiet

9. Ħatt

10. Demolizzjoni

11. Manutenzjoni fi stat tajjeb

12. Manutenzjoni - żebgħa u tindif

13. Drenaġġ

## SKEDA II
(regolamenti 2, 8 u 12)

## LISTA MHUX EŻAWRJENTI TA' XOGĦOL LI JINVOLVI RISKJI PARTIKOLARI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ TAL-ĦADDIEMA

1. Xogħol li jpoġġi lill-ħaddiema f'periklu li jintradmu taħt tiġrif, li jinbelgħu f'art mistagħdra jew li jaqgħu mill-għoli fejn ir-riskju jkun partikolarment aggravat min-natura tax-xogħol jew mill-proċessi użati jew mill-ambjent tal-post tax-xogħol jew sit.

2. Xogħol li jqiegħed lill-ħaddiema f'periklu minn sustanzi kimiċi u bijoloġiċi li jikkostitwixxu perikolu partikulari għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jew li jinvolvi rekwiżit legali għall-monitoraġġ tas-saħħa.

3. Xogħol b'radjazzjoni jonizzanti li teħtieġ li jkun hemm indikat inħawi li jkunu taħt kontroll u superviżjoni.

(a) Żona kkontrollata tfisser żona soġġetta għal regoli speċjali għall-iskop ta' protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzanti u li l-aċċess għaliha ikun ikkontrollat.

(b) Żona sorveljata tfisser żona soġġetta għal superviżjoni kif imiss bl-iskop li jkun hemm protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzanti.

4. Xogħol ħdejn linji tal-enerġija b'vultaġġ għoli.

5. Xogħol li jesponi lill-ħaddiema għar-riskji li jegħrqu.

6. Xogħol li jsir fuq bjar, taħt l-art u f'mini.

7. Xogħol li jsir minn sewwieqa li jkollhom sistema ta' forniment tal-arja.

8. Xogħol li jsir minn ħaddiema f'kaxxi taħt l-ilma b'atmosfera ta' arja kompressata.

9. Xogħol li jinvolvi l-użu ta' splussivi.

10. Xogħol li jinvolvi l-armar jew, il-ħatt ta' komponenti prefabbrikati tqal.

**SKEDA III**
(regolament 6)
**KONTENUT TAL-AVVIŻ BIL-QUDDIEM IMSEMMI FIR-REGOLAMENT 6**

1. Data tal-kommunikazzjoni.

2. Indirizz eżatt tas-sit ta' kostruzzjoni.

3. Ismijiet tal-klijenti u indirizzi.

4. Tip ta' proġett.

5. Ismijiet u indirizzi tar-rappreżentanti tal-klijent.

6. Isem u indirizz tas-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà inkluża dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ffirmata kif suppost mis-supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà li fiha hu impenja ruħu li jaċċetta l-irwol ta' supervisor tal-proġett għal kwistjonijiet dwar saħħa u sigurtà u li hu kompetenti sabiex jaqdi d-dmirijiet imponuti b'dawn ir-regolamenti.

7. Id-data ppjanata għall-bidu tax-xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

8. Żmien ippjanat tax-xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

9. Stima tal-akbar numru ta' ħaddiema kkalkulat fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

10. Numru ta' kuntratturi u persuni li jimpjegaw lilhom infushom ippjanati li jkunu fuq is-sit ta' kostruzzjoni.

11. Dettalji tal-kuntratturi diġà magħżula.

**SKEDA IV**
(regolament 19)
**REKWIŻITI MINIMI TA' SAĦĦA U SIGURTÀ GĦAL SITI TA' KOSTRUZZJONI**

Rimarki Preliminari

L-obbligi stabbiliti f'din l-Iskeda japplikaw kull fejn meħtieġ skont il-karatteristiċi tas-sit ta' kostruzzjoni, l-attività, iċ-ċirkostanzi jew xi periklu. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, "kmamar" tkopri, *inter alia*, akkomodazzjoni li tkun f'barrakki.

**TAQSIMA A: REKWIŻITI MINIMI ĠENERALI GĦAL POSTIJIET TAX-XOGĦOL FUQ IS-SIT**

1. Stabbilità u solidità

1.1. Materjal, apparat u, b'mod aktar ġenerali, kwalunkwe komponent li, meta jiċċaqlaq f'kull direzzjoni, jista' jaffettwa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkun stabbilizzat b'mod xieraq u sigur.

1.2. Aċċess għal kwalunkwe wiċċ li jkollu materjal mhux reżistenti b'mod suffiċjenti mhuwiex awtorizzat kemm-il darba ma jkunx provdut tagħmir jew mezzi xierqa sabiex ix-xogħol ikun jista' jsir b'mod sigur.

2. Installazzjonijiet għad-distribuzzjoni tal-enerġija

2.1. L-installazzjonijiet għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u użati b'tali mod li ma jippreżentaw l-ebda perikolu ta' nar jew splużjoni, il-persuni għandhom ikunu adegwatament protetti kontra r-riskju ta' xokkijiet ikkawżati minn kuntatt dirett jew indirett.

2.2. L-iddisinjar, il-kostruzzjoni u l-għażla tal-apparat u tal-istrumenti tal-protezzjoni għandhom iqisu t-tip u l-qawwa tal-enerġija distribwita, il-kondizzjonijiet esterni u l-kompetenza ta' persuni li jkollhom aċċess għall-partijiet tal-installazzjoni.

3. Rotot u ħruġ ta' emerġenza

3.1. Ir-rotot u l-ħruġ ta' emerġenza għandhom dejjem ikunu liberi u jwasslu bl-aktar mod dirett possibbli għal żoni sikuri.

3.2. F'każ ta' periklu, għandu jkun possibbli għall-ħaddiema li jevakwaw l-istazzjonijiet tax-xogħol kollha malajr u

bl-aktar mod sikur possibbli.

3.3. In-numru, id-distribuzzjoni u d-dimensjonijiet tar-rotot u l-ħruġ tal-emerġenza jiddependu fuq l-użu, l-apparat u d-dimensjonijiet tas-sit u tal-kmamar u tal-akbar għadd ta' persuni li jistgħu jkunu preżenti.

3.4. Rotot u ħruġ ta' emerġenza speċifiċi għandhom jiġu indikati minn sinjali skont ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. (L.S. 646.09.).

Dawk is-sinjali għandhom ikunu reżistenti biżżejjed u jkunu mqiegħda fil-postijiet adatti.

3.5. Ir-rotot u ħruġ ta' emerġenza, u r-rotot tat-traffiku u l-bibien li jagħtu aċċess għalihom, għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe xkiel, sabiex ikunu jistgħu jintużaw fi kwalunkwe ħin mingħajr xkiel.

3.6. Rotot u ħruġ ta' emerġenza li jkunu jeħtieġu t-tidwil għandhom ikunu pprovduti bi dwal ta' emerġenza ta' intensità adegwata fil-każ li jinqata' d-dawl.

4. Skoperta tan-nar u tifi tan-nar

4.1. Għandu jkun provdut numru adegwat ta' strumenti xierqa ghat-tifi tan-nar, u fejn meħtieġ, apparat għall-iskoperta tan-nar u sistemi ta' allarm, skont il-karatteristiċi tas-sit, id-daqs u l-użu tal-kmamar, it-tagħmir fuq is-sit, proprjetajiet kimiċi u fiżiċi tas-sustanzi preżenti u l-akbar għadd ta' nies li jistgħu jkunu preżenti.

4.2. L-istrumenti għat-tifi tan-nar, apparat għall-iskoperta tan-nar u s-sistemi tal-allarm għandhom jiġu eżaminati u ssirilhom manutenzjoni b'mod regolari. It-testijiet u t-taħriġ dovut għandhom isiru f'intervalli regolari.

4.3. Tagħmir għat-tifi tan-nar mhux awtomatiku għandu jkun faċilment aċċessibbli u sempliċi sabiex tużah. It-tagħmir għandu jkun indikat b'sinjali skont ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 646.09.).

Dawk is-sinjali għandhom ikunu reżistenti biżżejjed u mqiegħda f'postijiet adattati.

5. Ventilazzjoni

5.1. Għandhom jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat li jkun hemm provvista ta' arja friska suffiċjenti, billi jitqiesu l-metodi tax-xogħol użati u l-bżonnijiet fiżiċi imposti fuq il-ħaddiema.

5.2. Jekk tintuża sistema ta' ventilazzjoni forzata, din għandha tinżamm taħdem kif suppost u ma għandhiex tesponi lill-ħaddiema għal kurrenti li jkunu ta' ħsara għal saħħithom.

5.3. Kwalunkwe ħsara għandha tkun indikata minn sistema ta' kontroll fejn dan ikun meħtieġ għas-saħħa tal-ħaddiema.

6. Espożizzjoni għal riskji partikolari

6.1. Il-ħaddiema ma għadhomx ikunu esposti għal livelli ta' ħoss li jagħmlu ħsara jew għal influwenzi esterni li jagħmlu ħsara (eż. gassijiet, fwar, trab).

6.2. Jekk il-ħaddiema jkollhom jidħlu f'żona fejn l-atmosfera jista' jkun fiha sustanzi tossiċi jew li jagħmlu ħsara jew li jkollhom livell ta' ossiġnu insuffiċjenti jew li jkunu fjammabbli, l-atmosfera konfinata għandha tkun sorveljata u għandhom jittieħdu passi xierqa sabiex ikun evitat kwalunkwe periklu.

6.3. Ħaddiem ma għandu fl-ebda ċirkustanzi jkun espost għal atmosfera konfinata b'riskju għoli. Hu għandu għallinqas ikun mgħasses il-ħinijiet kollha minn barra u għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet xierqa kollha sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jiġi assistit effettivament u minnufih.

7. Temperatura

Matul is-sigħat tax-xogħol, it-temperatura għandha tkun adatta għal bnedmin, waqt li jitqiesu l-metodi tax-xogħol użati u l-bżonnijiet fiżiċi mqiegħda fuq il-ħaddiema.

8. Tidwil naturali u artifiċjali tal-postijiet tax-xogħol, tal-kmamar u tar-rotot tat-traffiku fuq is-sit.

8.1. Stazzjonijiet tax-xogħol, kmamar u rotot tat-traffiku għandu jkollhom sa fejn l-iktar possibbli dawl naturali suffiċjenti u jkunu pprovduti b'dawl artifiċjali xieraq u suffiċjenti billejl u meta d-dawl ta' binhar ma jkunx adegwat, fejn neċessarju, għandhom jintużaw sorsi ta' dawl li jinġarru u li jkunu protetti kontra l-impatt.

Il-kulur tad-dawl artifiċjali użat ma għandux jibdel jew jolqot l-perċezzjoni tas-sinjali jew tas-senjaletika li juru dawk is-sinjali.

8.2. L-installazzjonijiet tad-dawl, il-kmamar, stazzjonijiet tax-xogħol u rotot tat-traffiku għandhom ikunu mqiegħda b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' xi inċident għall-ħaddiema bħala riżultat tat-tip ta' dawl installat.

8.3. Kmamar, stazzjonijiet tax-xogħol u rotot tat-traffiku fejn il-ħaddiema jkunu b'mod speċjali esposti għal riskji fil-każ ta' dawl artifiċjali, għandhom ikunu pprovduti b'dawl ta' emergenża ta' intensità adegwata.

9. Bibien u gradi

9.1. Bibien skorrevoli għandhom ikunu armati bi strument tas-sigurtà sabiex ikun evitat li jistgħu joħorġu mil-linji tagħhom u jinqalbu.

9.2. Bibien u gradi li jinfetħu 'l fuq għandhom ikunu armati b'mekkaniżmu li jiżgura milli dawn jaqgħu lura.

9.3. Bibien u gradi matul ir-rotot ta' evakwazzjoni għandhom ikunu mmarkati kif xieraq.

9.4. Fil-viċinanza immedjata ta' gradi primarjament intiżi għat-traffiku tal-vetturi, għandu jkun hemm bibien għal persuni għaddejjin bil-mixi sakemm ma jkunx sikur li jaqsam bil-mixi, dawk il-bibien għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar u miżmuma bla ebda xkiel fil-ħinijiet kollha.

9.5. Bibien u gradi mekkaniċi għandhom joperaw bla ebda riskju ta' xi inċident għall-ħaddiema. Għandhom ikunu armati bi strumenti ta' waqfien ta' emerġenza li jkunu faċilment identifikabbli u aċċessibbli u, sakemm dawn ma jinfetħux awtomatikament fil-każ ta' qtugħ tad-dawl, għandu jkun possibbli li jkunu miftuħa bl-idejn.

10. Rotot tat-traffiku – inħawi ta' perikolu u mezzi siguri ta' aċċess u ħruġ

10.1. Rotot tat-traffiku, inklużi turġien, slielem fissi u żoni u rampi tat-tagħbija għandhom ikunu kkalkolati, lokati, impoġġija u magħmulin, hekk li wieħed jista' jgħaddi minnhom bla diffikultà sabiex jiżguraw aċċess faċli, sikur u xieraq b'dak il mod li ma jkunux jipperikolaw lill-ħaddiema impjegati fil-viċinanza ta' dawn ir-rotot tat-traffiku.

10.2. Rotot użati għat-traffiku bil-mixi u, jew traffiku ta' merkanzija inklużi dawk użati għat-tagħbija u għall-ħatt għandu jkollhom daqs skont in-numru ta' nies potenzjali li jużawhom u t-tip ta' attività konċernata.

Jekk jintużaw mezzi tat-trasport fuq rotot tat-traffiku, għandhom ikunu pprovduti għal utenti oħra tas-sit, spazju liberu ta' sigurtà suffiċjenti jew apparat protettiv adegwat.

Ir-rotot għandhom ikunu indikati b'mod ċar, ivverifikati regolarment u ssirlhom manutenzjoni kif imiss.

10.3. Wisa' suffiċjenti għandha titħalla bejn ir-rotot tat-traffiku tal-vetturi u l-bibien, il-gradi u l-passaġġi għan-nies bil-mixi, il-kurituri u t-turġien.

10.4. Jekk is-sit ikun jinkludi żoni ta' aċċess limitat, dawn għandhom ikunu armati b'apparati ħalli jkun evitat li jidħlu ħaddiema mhux awtorizzati.

Għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jipproteġu lill-ħaddiema li jkunu awtorizzati li jidħlu fiż-żoni perikolużi.

Iż-żoni perikolużi għandhom ikunu senjalati b'mod ċar.

10.5. Mezzi sikuri ta' aċċess u ħruġ suffiċjenti għandhom jiġu pprovduti u miżmuma minn u għal kwalunkwe stazzjon tax-xogħol li kull persuna għandha f'kull ħin sabiex twettaq kull xogħol u kull tali post għandu jkun magħmul u miżmum sikur għal kwalunkwe persuna li tkun qed taħdem u, jew li tkun preżenti hemmhekk.

11. Żoni u rampi tat-tagħbija

11.1. Żoni u rampi tat-tagħbija għandhom ikunu adattati skont id-daqs tat-tagħbijiet li jkunu se jinġarru.

11.2. Żoni tat-tagħbija għandhom tal-inqas ikollhom punt ta' ħruġ wieħed.

11.3. Rampi tat-tagħbija għandhom ikunu sikuri biżżejjed sabiex ikun evitat li l-ħaddiema jaqgħu.

12. Libertà ta' movement fl-istazzjonijiet tax-xogħol

L-ispazju fl-istazzjon tax-xogħol għandu jkun hekk li jippermetti lill-ħaddiema libertà ta' moviment suffiċjenti sabiex iwettqu xogħolhom, waqt li jitqies kull apparat meħtieġ u tagħmir preżenti.

13. L-ewwel għajnuna

13.1. Il-kuntrattur għandu jiżgura li tista' tingħata l-ewwel għajnuna, u li l-personal imħarreġ sabiex jipprovdiha jkun jista' jissejjaħ fi kwalunkwe ħin.

Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiżguraw li ħaddiema li kellhom xi inċident jew li jħosshom ħażin f'daqqa jkunu jistgħu jitneħħew mill-post sabiex jingħataw kura medika.

13.2. Għandha tkun pprovduta kamra waħda jew iktar tal-ewwel għajnuna meta l-iskala tax-xogħlijiet jew it-tipi ta' attività li tkun għaddejja jkunu hekk jitolbu.

13.3. Kmamar tal-ewwel għajnuna għandhom ikunu armati b'installazzjonijiet u apparat essenzjali tal-ewwel għajnuna u jkunu aċċessibbli għal stretchers.

Dawn għandhom ikunu senjalati skont ir-Regolamenti dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 646.09.).

13.4. Apparat tal-ewwel għajnuna għandu jkun disponibbli fil-postijiet kollha fejn il-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk jitolbu.

Dan l-apparat għandu jkun immarkat sew u jkun faċilment aċċessibbli.

L-indirizz u n-numru tat-telefon tas-servizz lokali ta' emerġenza għandu jkun espost b'mod ċar.

14. Apparat sanitarju

14.1. Kmamar tat-tibdil u lokers.

14.1.1. Kmamar tat-tibdil xierqa għandhom ikunu pprovduti għall-ħaddiema jekk ikollhom jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol speċjali u kemm-il darba, għal raġunijiet ta' saħħa jew għax hekk ikun jixraq, ma jkunux mistennija li jbiddlu f'postijiet oħra.

Kmamar tat-tibdil għandhom ikunu faċilment aċċessibbli, jkunu ta' wisa' suffiċjenti u jkollhom biex toqgħod bilqiegħda.

14.1.2. Il-kmamar tat-tibdil għandhom ikunu kbar biżżejjed u jkollhom faċilitajiet li jippermettu lil kull ħaddiem, fejn neċessarju, li jnixxef il-ħwejjeġ tax-xogħol

kif ukoll ħwejġu u l-effetti personali u wkoll li jaqfilhom.

Jekk iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu (eż. sustanzi perikolużi, umdità, ħmieġ), għandhom ikunu pprovduti faċilitajiet li jippermettu li l-ħwejjeġ tax-xogħol jinżammu f'post separat mill-ħwejjeġ personali tal-ħaddiema u mill-effetti personali.

14.1.3. Għandhom ikunu pprovduti kmamar tat-tibdil separati, jew il-possibbiltà ta' użu separat tal-kmamar tat-tibdil għall-ġeneri differenti.

14.1.4. Jekk ma jkunx hemm bżonn ta' kmamar tat-tibdil kif imsemmi fil-partita 14.1.1, l-ewwel paragrafu, kull ħaddiem għandu jkun ipprovdut b'post li fih ikun jista' jaqfel ħwejġu u l-effetti personali.

14.2. Doċċi u sinkijiet

14.2.1. Doċċi adatti f'numru suffiċjenti għandhom ikunu pprovduti għall-ħaddiema jekk mitluba min-natura tax-xogħol jew għal raġunijiet ta' saħħa.

Għandhom ikunu pprovduti kmamar tad-doċċi jew l-użu ta' doċċi separati għall-ġeneri differenti.

14.2.2. Il-kmamar tad-doċċi għandhom ikunu kbar biżżejjed li jippermettu li kull ħaddiem jinħasel mingħajr tfixkil f'kondizzjonijiet ta' livell ta' iġjene xierqa.

Id-doċċi għandhom ikunu armati b'ilma sħun u kiesaħ.

14.2.3. Fejn ma jkunx meħtieġ doċċi kif meħtieġa fl-ewwel paragrafu tal-partita 14.2.1, numru suffiċjenti ta' sinkijiet adatti bl-ilma kurrenti (ilma sħun jekk meħtieġ) għandu jkun ipprovdut fil-viċinanza tal-istazzjonijiet tax-xogħol u tal-kmamar tat-tibdil.

Għandhom jiġu pprovduti sinkijiet separati, jew li jsir użu separat ta' sinkijiet għall-ġeneri differenti meta hekk ikun mitlub.

14.2.4. Fejn il-kmamar li fihom ikun hemm doċċi jew sinkijiet ikunu separati mill-kmamar tat-tibdil, għandu jkun hemm aċċess faċli bejniethom.

14.3. Toilets u sinkijiet

Faċilitajiet speċjali b'numru ta' toilets u sinkijiet adegwat għandhom ikunu pprovduti għall-ħaddiema fil-viċinanza tal-istazzjonijiet tax-xogħol, il-kmamar tal-mistrieħ u l-kmamar fejn ikun hemm doċċi jew sinkijiet.

Għandhom jiġu pprovduti toilets separati u jsir użu separat ta' toilets għall-ġeneri differenti.

15. Kmamar tal-mistrieħ u, jew żoni ta' akkomodazzjoni.

15.1. Fejn is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, partikolarment minħabba t-tip ta' attività mwettqa jew il-preżenza ta' iktar minn ċertu numru ta' ħaddiema kif ukoll in-natura remota tas-sit hekk jitolbu, il-ħaddiema għandhom ikunu pprovduti b'aċċess faċli għall-kmamar tal-mistrieħ u, jew żoni ta' akkomodazzjoni.

15.2. Kmamar tal-mistrieħ u, jew żoni ta' akkomodazzjoni għandhom ikunu kbar biżżejjed u armati b'numru adegwat ta' mwejjed u siġġijiet li jissapportjaw id-dahar għan-numru ta' ħaddiema involuti.

15.3. Jekk ma jkunx hemm faċilitajiet ta' dan it-tip, għandhom ikunu pprovduti faċilitajiet oħra li fihom ikunu jistgħu joqogħdu l-ħaddiema waqt l-interruzzjonijiet tax-xogħol.

15.4. Żoni fissi ta' akkomodazzjoni sakemm ma jkunux użati biss f'każijiet eċċezzjonali, għandu jkollhom apparat sanitarju suffiċjenti, kamra tal-mistrieħ u kamra għall-ħin liberu.

Dawn għandhom ikunu armati b'sodod, armarji, imwejjed u siġġijiet bid-dahar waqt li jitqies in-numru tal-ħaddiema, u jitqiegħdu wara li titqies, fejn ikun xieraq, il-preżenza tal-ħaddiema ta' ġeneri differenti.

15.5. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-protezzjoni ta' dawk li ma jpejpux kontra l-iskumdità kkawżata mit-tipjip tat-tabakk fil-kmamar tal-mistrieħ u taż-żoni ta' akkomodazzjoni.

16. Nisa tqal u ommijiet li jreddgħu

Nisa tqal u ommijiet li jreddgħu għandhom ikunu jistgħu jimteddu sabiex jistrieħu f'kondizzjonijiet xierqa.

17. Ħaddiema b’diżabilità

Il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu organizzati sabiex jitqiesu l-ħaddiema b’diżabilità, jekk neċessarju.

Id-dispożizzjoni tapplika partikolarment għall-bibien, passaġġi, turġien, doċċi, sinkijiet, toilets u stazzjonijiet tax-xogħol użati jew okkupati direttament minn persuni b’diżabilità.

18. Dispożizzjonijiet mixxellanji

18.1. Il-madwar u l-perimetru tas-sit għandhom ikunu senjalati u mifruxa sabiex ikun viżibbli u identifikabbli b’mod ċar.

18.2. Il-ħaddiema għandhom ikunu pprovduti fuq is-sit bi kwantità biżżejjed ta’ ilma tax-xorb u possibilment xorb ieħor mhux alkoħoliku adatt kemm fil-kmamar okkupati kif ukoll fil-viċinanza tal-istazzjonijiet tax-xogħol.

18.3. Il-ħaddiema għandhom:

- ikunu pprovduti b’faċilitajiet li jippermettulhom li jieklu f’kondizzjonijiet sodisfaċenti;

- fejn xieraq, ikunu pprovduti b’faċilitajiet li jippermettulhom iħejju l-ikliet tagħhom f’kondizzjonijiet sodisfaċenti.

## TAQSIMA B: REKWIŻITI MINIMI SPEĊIFIĊI GĦALL- STAZZJONIJIET TAX-XOGĦOL FUQ IS-SIT

Rimarka Preliminari

Jekk sitwazzjonijiet speċjali hekk jitolbu, il-klassifika ta’ dawn ir-rekwiżiti minimi f’żewġ sezzjonijiet, bħal hawn taħt, ma għandhiex titqies bħala li torbot.

Sezzjoni I: Stazzjonijiet tax-Xogħol fuq is-sit fuq ġewwa

1. Stabbilità u solidità

Il-bini għandu jkollu struttura u stabbilità xierqa skont in-natura tal-użu tiegħu.

2. Bibien tal-emerġenza.

Il-bibien tal-emerġenza għandhom ikunu jinfetħu ’l barra.

Il-bibien tal-emerġenza ma għandhomx ikunu jissakkru jew jinqaflu b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu faċilment u immedjatament minn kwalunkwe persuna li jista' jkollha bżonnhom f'każ ta' emerġenza.

Bibien li jimxu jew iduru ma għandhomx ikunu permessi jekk intenzjonati bħala bibien t'emerġenza.

3. Ventilazzjoni

Jekk jintużaw l-arja kondizzjonata jew ventilazzjoni mekkanika, dawn għandhom joperaw b'dak il-mod li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal kurrenti tal-arja li jikkawżaw skonfort. Kull depożitu jew ħmieġ li jista' joħloq periklu immedjat għas-saħħa tal-ħaddiema billi jniġġes l-atmosfera għandu jitneħħa mingħajr dewmien.

4. Temperatura

4.1. It-temperatura fiż-żoni tal-mistrieħ, fil-kmamar għall-persunal fuq xogħlu, fil-faċilitajiet sanitarji, fil-kantins u fil-kmamar tal-ewwel għajnuna għandha tkun xierqa għall-iskop partikulari ta' dawk iż-żoni.

4.2. It-twieqi, it-tamboċċi u t-taqsimiet tal-ħġieġ ma għandhomx jippermettu effetti eċċessivi ta' dawl tax-xemx, billi tittieħed inkonsiderazzjoni n-natura tax-xogħol u l-użu tal-kamra.

5. Dawl Artifiċjali u Naturali

Il-postijiet tax-xogħol għandhom, safejn hu possibbli, jkollhom dawl naturali suffiċjenti u jkunu armati b'mezzi ta' forniment ta' dawl artifiċjali li jkun adegwat għall-iskopijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

6. Art, ħitan, soqfa u bjut tal-kmamar

6.1. L-art tal-postijiet tax-xogħol ma għandux ikollha ħotob, toqob jew dislivelli perikolużi u għandha tkun fissa, stabbli u ma tiżloqx.

6.2. L-uċuh tal-art, il-ħitan u s-soqfa fil-kmamar għandhom ikunu b'mod li jkunu jistgħu jitnaddfu jew jiġu rinnovati mill-ġdid għal livell ta' iġjene xieraq.

6.3. Ħitan trasparenti jew li minnhom jgħaddi d-dawl, partikolarment it-taqsimiet kollha tal-ħġieġ, fil-kmamar jew fil-viċinanzi tal-postijiet tax-xogħol u tar-rotot tat-traffiku

għandhom ikunu indikati b'mod ċar u magħmulin minn materjal tas-sikurezza jew ikunu protetti minn dawk il-postijiet jew rotot tat-traffiku sabiex ikun evitat li ħaddiema jiġu f'kuntatt mal-ħitan jew li jweġġgħu kemm-il darba l-ħitan jitfarrku.

7. Twieqi u tamboċċi

7.1. Għandu jkun possibbli għall-ħaddiema li jiftħu, jagħlqu, jaġġustaw jew jiżguraw twieqi, tamboċċi u ventilaturi b'mod sikur.

Meta jkunu miftuħa, dawn ma għandhomx ikunu f'pożizzjoni b'mod li joħolqu periklu għall-ħaddiema.

7.2. It-twieqi u t-tamboċċi għandhom ikunu ddisinjati flimkien mal-apparat jew inkella jkunu ffittjati b'istrumenti li jippermettu li jkunu mnaddfa minghajr l-ebda riskju għall-ħaddiema li jagħmlu x-xogħol jew dawk li jkunu preżenti.

8. Bibien u Gradi

8.1. Il-pożizzjoni, in-numri u d-dimensjonijiet tal-bibien u l-gradi, ta' kull materjal użati fil-kostruzzjoni tagħhom, għandhom jiġu determinati skont in-natura u l-użu tal-kmamar jew taż-żoni.

8.2. Bibien trasparenti għandhom adegwatament immarkati f'livell konspikwu.

8.3. Bibien u gradi li jitbandlu għandhom ikunu trasparenti jew jkollhom toqob li tista' tara minnhom.

8.4. Jekk uċuh trasparenti jew li jgħaddi d-dawl minnhom fil-bibien u fil-gradi ma jkunux magħmulin minn materjal ta' sikurezza u jekk ikun hemm perikolu li l-ħaddiema jistgħu jkorru jekk bieb jew grada jinkisru, l-uċuh għandhom ikunu protetti kontra t-tiksir.

9. Rotot tat-traffiku

Meta l-użu u l-apparat tal-kmamar ikun hekk jeħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, ir-rotot tat-traffiku għandhom ikunu identifikati b'mod car.

10. Miżuri speċifiċi għal escalators u travelators

L-escalators u t-travelators għandhom ikunu jiffunzjonaw sew. Għandhom ikunu armati bl-istrumenti tas-sigurtà meħtieġa.

Għandhom ikunu mgħammra bi strumenti ta' waqfien ta' emerġenza faċilment identifikabbli u aċċessibbli.

11. Dimensjonijiet tal-kmamar u spazju tal-arja fil-kmamar

Il-kmamar tax-xogħol għandu jkollhom wisa' u għoli biżżejjed li jippermettu lill-ħaddiema jwettqu x-xogħol tagħhom mingħajr riskju għas-sigurtà, is-saħħa jew il-benesseri tagħhom.

Sezzjoni II. Stazzjonijiet tax-xogħol fuq is-sit fuq barra

1. Stabbilità u solidità

1.1. Postijiet tax-xogħol fil-għoli jew fil-baxx jiċċaqilqu jew fissi għandhom ikunu solidi u stabbli, filwaqt li jitqies:

- in-numru ta' ħaddiema li jokkupawhom;

- it-tagħbija massima li jistgħu jkollhom iġorru u d-distribuzzjoni tal-piż;

- l-influwenzi esterni li għalihom jistgħu jkunu suġġetti;

Jekk l-appoġġ u l-komponenti l-oħra ta' dawn l-istazzjonijiet tax-xogħol ma jkunux intrinsikament stabbli, l-istabbilità tagħhom għandha tiġi żgurata b'metodi xierqa u sikuri ta' iffissar sabiex ikun evitat kwalunkwe moviment barra minn loku u spontanju tal-istazzjon tax-xogħol kollu jew ta' partijiet minnhom.

1.2. Verifiki

L-istabbilità u s-solidità għandhom jkunu vverifikati kif xieraq u speċjalment wara kwalunkwe bidla fl-għoli jew l-fond tal-istazzjon tax-xogħol.

2. Installazzjonijiet tad-distribuzzjoni tal-enerġija

2.1. Installazzjonijiet tad-distribuzzjoni tal-enerġija fuq is-sit, speċjalment dawk soġġetti għal influwenzi esterni, għandhom ikunu regolarment ivverifikati u miżmuma f'kondizzjoni tajba.

2.2. Installazzjonijiet eżistenti qabel ma beda s-sit, għandhom jiġu identifikati, iċċekkjati u mmarkati b'mod ċar.

2.3. Kull meta possibbli, fejn jinsabu linji tal-elettriku għaddejja, dawn għandhom jew jiġu diretti mill-ġdid 'l bogħod

miż-żona tas-sit jew inkella l-kurrent għandu jinqata'.

Jekk dan ma jkunx possibbli għandu jkun hemm ilqugħ jew avviżi sabiex jiżguraw li vetturi jew installazzjonijiet jinżammu 'l bogħod. Għandhom jiġu pprovduti twissijiet adegwati u protezzjonijiet sospiżi għandhom jiġu provduti meta l-vetturi jkollhom jgħaddu minn taħt dawn il-linji.

3. Influwenzi atmosferiċi

Il-ħaddiema għandhom ikunu protetti kontra influwenzi atmosferiċi li jistgħu jaffetwaw is-saħħa u s-sigurtà tagħhom.

4. Oġġetti li jistgħu jaqgħu

4.1. Fejn hu teknikament possibbli l-ħaddiema għandhom ikunu protetti b'metodi kollettivi kontra oġġetti li jaqgħu.

4.2. Materjali u apparat għandhom jitqiegħdu jew jitqiegħdu f'munzelli b'tali mod li jkun evitat li jistgħu jaqgħu jew li jinqalbu.

4.3. Fejn meħtieġ, għandu jkun hemm passaġġi mgħottija fuq il-ġenb jew inkella aċċess għal żoni perikolużi għandu jkun impossibbli.

5. Waqgħat mill-għoli

5.1. Ix-xogħol fil-għoli għandu jiġi ppjanat sew u mwettaq fuq il-bażi tal-miżuri tal-artikolu 6(2) tal-Att u tar-
L.S. 646.11. regolament 10 tar-Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

5.2. Fejn isir ix-xogħol fil-għoli, kull prinċipal u, jew il-persuna li timpjega lilha nnifisha, għandhom jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex jipprevjenu kwalunkwe persuna li taqa' minn distanza li tista' tikkawża korriment.

5.3. Fil-prinċipju, xogħol fil-għoli għandu jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew bl-użu ta' mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà.

Fejn jintużaw il-bennieni, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom mill-inqas end-board, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti.

Jekk l-użu ta' tagħmir bħal dan ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom jiġu pprovduti mezzi

xierqa ta' aċċess u arneż tas-sigurtà jew metodi oħra ta' ankoraġġ għandhom jintużaw.

5.4. Ilqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġi mwaħħal madwar it-trombi tat-taraġ, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u fiż-żoni oħra kollha fejn kwalunkwe persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża korriment, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju.

5.5. Ilqugħ prottettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal xieraq u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li jintużaw. Rpar, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu mqiegħda sabiex jevitaw sa fejn hu possibli l-waqgħa tal-persuni. Meta tintuża kopertura, dawn għandhom jiġu miftiehma b'mod li jipprevjeni l-waqa' ta' persuni, materjal jew oġġetti, liema kopertura għandha tkun ċarament mmarkata b' mod jgħajjat sabiex turi l-iskop tagħha, tkun mwaħħla sew fil-pożizzjoni, tkun ta' kostruzzjoni tajba u ta' saħħa adegwata għall-iskop li għalih tintuża.

6. Scaffolding u slielem

6.1. L-iscaffolding kollha għandhom ikunu ddisinjati sewwa, mibnijin u ssirilhom manutenzjoni sabiex ikun żgurat li ma jaqgħux jew jiċċaqilqu aċċidentalment.

6.2. Pjattaformi tax-xogħol, passaġġi u turġien ta' scaffolding għandhom ikunu mibnija, dimensjonati, ikunu protetti u użati b'dak il-mod li jipprevjeni nies milli jaqgħu jew milli jkunu esposti għal oġġetti li jaqgħu.

6.3. Scaffolding għandhom ikunu spezzjonati u ċċertifikat siguri għal użu minn persuna kompetenti:

(a) qabel ma jibdew jintużaw;

(b) sussegwentement, f'intervalli perjodiċi;

(ċ) wara kwalunkwe perjodu ta' modifikazzjoni mingħajr użu, esponiment għall-maltemp jew ċaqliq siżmiku, jew kwalunkwe ċirkostanza oħra li setgħet affetwat is-saħħa u l-istabbilità tagħhom.

6.4. Is-slielem għandhom ikunu suffiċjentement b'saħħithom u miżmuma sewwa. Għandhom jintużaw b'mod korrett, f'postijiet adatti u skont l-iskop intenzjonat tagħhom.

6.5. Scaffolding mobbli għandu jintrabat tajjeb kontra movimenti spontanji.

7. Apparat tal-irfigħ

7.1. L-apparat u l-aċċessorji tal-irfigħ kollha, inklużi l-partijiet komponenti tagħhom, l-aċċessorji, l-ankoraġġi u l-irfid tagħhom għandhom ikunu:

(a) iddisinjati, mibnija kif suppost u b'saħħithom biżżejjed għall-użu li għalih se jintużaw;

(b) installati u użati korrettament;

(ċ) miżmuma f'kondizzjoni li jaħdmu sewwa;

(d) ivverifikati u soġġetti għal testijiet u spezzjonijiet perjodiċi skont il-leġiżlazzjoni kurrenti;

(e) imħaddma minn ħaddiema kwalifikati li jkunu rċevew it-taħriġ xieraq.

7.2. Kull apparat tal-irfigħ u l-aċċessorji għandhom juru b'mod ċar il-piż massimu li jifilħu.

7.3. L-apparat u l-aċċessorji tal-irfigħ ma jistgħux jintużaw għal skopijiet oħra għajr dawk maħsuba għalihom.

8. Vetturi u makkinarju għall-iskavar u l-immaniġġjar tal-materjal

8.1. Il-vetturi u l-makkinarju kollha għall-iskavar u l-imaniġġjar tal-materjal għandhom ikunu:

(a) iddisinjati u mibnija kif suppost filwaqt li jitqiesu, safejn hu possibli, il-prinċipji ergonomiċi;

(b) jinżammu f'kondizzjoni tajba għax-xogħol;

(ċ) jintużaw korrettament.

8.2. Sewwieqa u operaturi ta' vetturi u makkinarju għall-iskavar u tal-imaniġġjar tal-materjal għandhom ikunu mħarrġa apposta.

8.3. Għandhom jittieħdu miżuri preventivi biex ikun żgurat li l-vetturi u makkinarju tal-iskavar u tal-immaniġġjar tal-materjal ma jaqgħux fl-iskavar jew fl-ilma.

8.4. Fejn xieraq, il-makkinarju tat-tħaffir u l-makkinarju tal-immaniġġjar tal-materjal għandhom ikunu mgħammra bi strutturi li jipproteġu lis-sewwieq milli jitgħaffeġ jekk il-magna tinqaleb u kontra oġġetti li jaqgħu.

9. Installazzjonijiet, makkinarju, apparat

9.1. Installazzjonijiet, makkinarju u apparat, inklużi għodod tal-idejn kemm jekk jaħdmu bl-enerġija kemm xort'oħra, għandhom ikunu:

(a) iddisinjati u mibnija sew li jieħdu konsiderazzjoni, safejn hu possibbli, tal-prinċipju tal-ergonomija;

(b) miżmuma f'kondizzjoni tajba tax-xogħol;

(ċ) użati biss għax-xogħol li għalih kienu ddisinjati;

(d) jitħaddmu minn ħaddiema li jkunu ngħataw it-taħriġ meħtieġ.

9.2. Intallazzjonijiet u apparat taħt pressjoni għandhom ikunu vverifikati u ssoġġettati għal testijiet u spezzjonijiet regolari skont il-leġiżlazzjoni eżistenti.

10. Skavar, bjar, xogħlijiet taħt l-art, mini u xogħol tal-art

10.1. Prekawzjonijiet adegwati għandhom jittieħdu fi skavar, bir, taħt l-art, xogħol jew mina:

(a) bl-użu ta' sapport jew imbankment xieraq;

(b) sabiex jiġu evitati perikoli involuti fil-waqgħa ta' persuna, materjali jew oġġetti, jew għargħar;

(ċ) li jipprovdu ventilazzjoni suffiċjenti fl-istazzjonijiet tax-xogħol kollha sabiex tkun żgurata atmosfera tajba għan-nifs li ma tkunx ta' periklu jew dannu għas-saħħa;

(d) li jippermettu lill-ħaddiema li jilħqu post ta' sigurtà f'każ ta' nar jew dħul f'daqqa ta' ilma jew materjali.

10.2. Qabel ma jibdew l-iskavi, għandhom jittieħdu miżuri li jidentifikaw jew inaqqsu għall-minimu kull perikolu minħabba

cables taħt l-art u sistemi oħra ta' distribuzzjoni.

10.3. Għandhom ikunu pprovduti rotot ta' sikurezza 'l ġewwa u 'l barra mill-iskavi.

10.4. Munzelli ta' terrapien, materjali u vetturi li jiċċaqalqu għandhom jinżammu 'l bogħod mill-iskavi; jekk ikun hemm bżonn għandhom jinbnew ilqugħ.

11. Xogħol ta' demolizzjoni

Fejn id-demolizzjoni ta' bini jew kostruzzjoni jista' jippreżenta perikolu:

(a) għandhom jiġu adottati prekawzjonijiet, metodi u proċeduri xierqa;

(b) ix-xogħol għandu jkun ippjanat u esegwit biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti.

12. Strutturi tal-metall jew tal-konkrit, shutterings u komponenti prefabbrikati tqal.

12.1. Strutturi tal-metall jew konkrit u l-komponenti tagħhom, strutturi temporanji, komponenti prefabbrikati jew appoġġi temporanju u rfid għandhom ikunu armati u żarmati biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti.

12.2. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet adegwati sabiex il-ħaddiema jkunu protetti kontra riskji mqanqla mill-fraġilità temporanja jew instabbilità ta' struttura.

12.3. Strutturi temporanji, appoġġi temporanji u rfid għandhom ikunu ppjanati u ddisinjati, installati u ssirilhom manutenzjoni sabiex ikunu jifilħu b'sigurtà sħiħa għal kull sforz u tensjoni li għalihom jistgħu jkunu soġġetti.

13. Strutturi għall-ilma u kaxxi ta' taħt l-ilma

13.1. Kull struttura għall-ilma u kaxxi ta' taħt l-ilma għandhom ikunu:

(a) mibnija tajjeb, minn materjal adatt u solidu ta' saħħa adegwata;

(b) mgħammra b'mod xieraq sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jiksbu kenn fil-każ ta' irruzzjoni tal-ilma jew ta' materjali.

13.2. Il-kostruzzjoni, l-installazzjoni, it-trasformazzjoni jew iż-żarmar ta' struttura tal-ilma jew ta' kaxxa ta' taħt l-ilma għandha ssir biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti.

13.3. L-istrutturi tal-ilma u l-kaxxi ta' taħt l-ilma kollha għandhom ikunu spezzjonati minn persuna kompetenti f'intervalli regolari.

14. Xogħol fuq is-sofqa

14.1. Fejn ikun meħtieġ li jkun evitat riskju jew fejn l-għoli jew dislivelli li jaqbżu l-valuri stabbiliti, għandhom jittieħdu miżuri kollettivi preventivi sabiex jiġi evitat li jaqgħu l-ħaddiema, l-għodod jew oġġetti jew materjali oħra.

14.2. Fejn il-ħaddiema jkollhom xogħol fuq, jew qrib is-saqaf jew kull wiċċ ieħor magħmul minn materjal fraġli li minnu jkun possibbli li wieħed jaqa', għandhom jittieħdu miżuri preventivi sabiex jiġi żgurat li ma jimxux bla ma jkunu jafu, fuq dak il-wiċċ magħmul minn materjali involontarjament fraġli, jew li jaqgħu mal-art.